# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 6**

**Rikors numru 59/17 JVC**

**Saviour u Flavia konjugi Cassar**

**v.**

**Giacinta Xuereb u Victor Xuereb**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri moghtija fis-6 ta' Ottubru 2017 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment;

> "Rat ir-rikors guramentat fejn l-atturi ppremettew u kkonfermaw bil-gurament:

"1. Illi huma proprjetajri u pussessuri ta' porzjon art f'numru tlieta (3) drabi ohra maghruf f'numru erbgha (4) fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex li jigi adjacenti mad-dar taghhom fl-indirizz 50, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex.

"2. Illi nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) il-konvenuti minghajr ma kellhom dritt, dahlu go din il-gardina b'mod mhux provokat u ghamlu herba minnha billi qalghu s-sigar u pjanti li kien hemm go fiha u sahansitra bdew jaqilghu l-hajt taghha u jkissru kulma kien hemm.

"3. Illi dan ghamluh in pretensjoni ta' drittijiet li jahsbu li ghamlu peress illi lhom jipprovaw jivvantaw drittijiet fuqha.

"4. Illi l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu ta' l-atturi.

"5. Illi l-atturi jridu li dan l-ispoll jigi debitament spurgat.

"6. Illi din il-kawza qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-attrici Flavia Cassar li ghandha konoxxenza tal-fatti in kawza.

"Talbu li din l-Onorabbli Qorti:

"1. Tiddikjara illi l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu ta' l-atturi meta dahlu f'din l-art minnhm ipposseduta u kissru kollox, qalghu s-sigar u waqqghu l-hitan taghha.

"2. Tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss jirrintegraw l-ispoll minnhom kommess billi jergghu jirrintegraw is-sigar u l-pjanti li kienu jezistu go din l-art, billi jergghu jibnu skont l-arti u s-sengha l-hajt li waqqghu u finalment billi jiddesistu milli jidhlu f'din l-art li ghandha tkun ipposseduta mill-atturi kif kienet qabel l-ispoll.

"3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghmlu dawn ix-xoghlijiet huma a spejjez tal-konvenuti.

"Bl-ispejjez kollha nkluza VAT kontra l-konvenuti li minn issa jinsabu ngunti ghas-subizzjoni.

"Rat illi l-konvenuti ghalkemm ma pprezentawx risposta pprezentaw nota ta' ammissjoni esebita a fol 10 tal-process ghat-talbiet attrici li taqra kif isegwi:

> ""Li permezz taghha u minghajr pregudizzju ghall-proceduri tal-Appell mill-Ordni ta' Infurzar bin-numru 106/2015 (intavolati mill-atturi) u li in forza taghha l-atturi gew ordnati jaqilghu l-gardina stante li hija llegali, kif ukoll minghajr pregudizzju ghall-proceduri kriminali li hemm pendenti kontra l-attur Saviour Cassar minhabba li dan hebb, provoka u kkaguna griehi lill-konvenuti f'dan l-incident huma qeghdin jammettu t-talbiet attrici.

> ""Illi huma jixtiequ jissottmettu wkoll li l-istess gardina dakinhar stess tal-25 ta' Lulju 2017 giet ripristinata u ghalhekk it-tieni u t-tielet talba attrici huma superfluwi"."

> "Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess fejn ghalkemm l-atturi ddikjaraw li l-maggorparti mill-ispoll gie ripristinat u nonostante l-ammissjoni, l-atturi nsistew li tinghata sentenza.
>
> "Rat l-atti kollha.
>
> "Ikkunsidrat:
>
> "Illi din hija kawza ta' spoll kif ampjament spjegat fir-rikors guramentat li gie ammess mill-konvenuti u ghaldaqstant it-talbiet attrici gew pruvati u jisthoqq li jigu milqugha.
>
> "**Decizjoni.**
>
> "Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet kif dedotti izda b'referenza ghat-tieni u t-tielet talba dawn qed jigu milqugha limitatament ghax-xoghol ta' tikhil fuq il-hajt imsemmi fil-verbal tal-lum stante li fit-talbiet attrici ma jissemma' l-ebda blat. Ai fini tat-tieni talba kif milqugha timponi terminu ta' xahar mil-lum fuq il-konvenuti.
>
> "Stante illi in vista tal-ammissjoni tal-konvenuti ghat-talbiet attrici l-Qorti tqis li l-insistenza tal-attur li tinghata sentenza ma kinitx wahda gustifikata u ntiza biss sabiex izzid l-ispejjez, tordna li l-ispejjez jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet."

Minn din is-sentenza appella l-attur li talab biss varjazzjoni dwar il-kap tal-ispejjez u qed jitlob allura l-konvenut jigi addossat bil-hlas tal-ispejjez kollha tal-kawza. L-appellat qed jitlob il-konferma anke tal-kap tal-ispejjez.

L-appellant jilmenta li huwa ma kellux ikun addossat bir-responsabilita` ghal parti tal-ispejjez ghaliex ladarba l-Qorti laqghet it-talbiet attrici, kellu jigi applikat interament l-Artikolu 233 tal-Kap. 12 u l-appellati bhala l-parti telliefa kellha tigi kkundannata thallas hi dawn l-ispejjez.

L-Artikolu 223 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jidher li jenuncja zewg regoli. Fl-ewwel subinciz tieghu jipprovdi li "*kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez"*. Skont id-dispost tat-tielet subinciz "*il-qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun ittelliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwestjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra*".

Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Settembru 2004, fl-ismijet **Falzon v. Xuereb** intqal illi;

> "Jinsab ritenut illi "*minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi*" **(Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173).**

Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-*imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidherx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha*" (**Kollez. Vol XLIX pI p190**). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali **(Chetcuti v. Gatt, Appell Inferjuri, 6 ta' Ottubru 2010).** Hekk

insibu a **Vol XXXIII pt II pagna 55** illi "*jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik id-dikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti lohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni".* Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur.

Dan premess, jokkorri li din il-Qorti tezamina jekk fil-meritu kienx hemm cirkostanzi li kienu jissuggerixxu xi temperament in via ta' xi eccezzjoni specjalissima. Ghar-rigward ta' din ir-ricerka gie deciz illi "*nulla osta in legge che la Corte d'Appello prenda cognizione del merito non per rivederlo ma unicamente per stabilire se, alla stregua della decisione non impugnata circa a tale merito, il capo delle spese sia stato bene definito"* (**Kollez Vol XXV pI p 793).**"

Fil-kaz in ezami l-konvenuti ftit wara li gew notifikati bir-rikors promotur, ipprezentaw nota ta' ammissjoni (fol 10) fejn qalu wkoll li l-ispoll gie spurgat minnhom stess fir-rigward tal-gardina u li ghalhekk it-tieni u tielet talba kienu superfluwi. Wara verbal ta' dak il-jum stess tas-sentenza, il-Qorti laqghet it-talbiet kollha fuq insistenza tal-atturi, izda limitatament ghat-tikhil fuq il-hajt. Jidher infatti li kull ma kien baqa' jsir biex l-ispoll ikun spurgat interament kien li jitkahhal il-hajt.

Wiehed jifhem li l-appellanti riedu jkunu certi li l-ispoll ikun reintegrat kollu wara li gie kommess mill-kontro parti. L-ewwel Qorti hasset li kellha

tordnalhom ihallsu nofs l-ispejjez ghaliex *insistew* li tinghata sentenza. Din il-Qorti hija tal-fehma li ladarba kien ghad jonqos xi haga li kellha ssir biex ikun hemm reintegrazzjoni totali, huma kienu gustifikati li jitolbu li tinghata sentenza; fejn naqsu kien li kellhom jispecifikaw kif kellhom jigu reintegrati u cioe` kellhom qabel ma tinghata s-sentenza, jirriducu t-talba taghhom ghat-tikhil. Din il-Qorti jidrilha pero` li in omagg ghas-sentenzi citati u aktar ghal dak li tghid il-ligi kif ukoll giet citata, l-appellanti kellhom ikunu ordnati jhallsu kwart tal-ispejjez u mhux nofshom ghaliex il-mod kif l-ewwel Qorti spartit l-ispejjez kien kemmxejn sproporzjonat ghal dak li kien responsabbli ghalih l-atturi appellant.

**DECIZJONI**

**Din il-Qorti ghalhekk tiddisponi mill-appell billi tilqghu kif gej u cioe` billi tordna li l-ispejjez tal-kawza kollha (komprizi allura tal-appell) jithallsu kwantu ghal tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-appellati u kwart ($^{1}/_{4}$)mill-appellanti.**

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm